**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**26 ta' Novembru, 2023**

# TMIEM U BIDU ĠDID

Illum huwa Kristu Sultan. Nhar il-Ħadd li ġej, 3 ta' Diċembru, l-ewwel Ħadd tal-Avvent, nibdew is-sena l-ġdida tal-Knisja. Mela qegħdin fi tmiem sena u qrib bidu ta' sena ġdida tal-Knisja.

Il-Griegi għandhom żewġ kelmiet biex ifissru ż-"zmien". Waħda hija l-kelma *kronos* li tfisser iż-żmien li jgħaddi, iż-żmien li jxejjaħna u sa ċertu punt jirbħilna għax fl-aħħar immutu. *Kairos*, il-ħin it-tajjeb, il-ħin ta' issa, il-ħin li silfek Alla biex tagħmel ħaġa tajba b'ħajtek. Kairos huwa dak il-mument sabiħ f'ħajtek li ma tinsieh qatt.



Min jgħix bil-Kronos biss jiffissa biex jimla l-ħin, jipprova kull tip ta' make-up biex iż-żmien li għadda ma jidhirx, u jipprova saħansitra jwaqqaf l-arloġġ.

In-Nisrani huwa mistieden jgħix jum wara jum filwaqt li f'kull mument jara kif hu jista' jiltaqa' mal-Mulej u jkun dejjem on the look-out għal Kristu li jkun għaddej.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

It-Tnejn 27 ta' Novembru taħbat **il-festa tal-Midalja Mirakoluża.**



Kien is-Sibt 27 ta' Novembru 1830 li Marija Santissima dehret lis-Soru Catherine Labouré. Urietha domna u qaltilha biex tagħmel bħalha. Min jilbisha jaqla' grazzji kbar speċjalment jekk jilbisha madwar għonqu. Din id-domna tissejjaħ id-Domna Mirakoluża. Fuqha hemm miktub dawn il-kelmiet: "Marija mnissla bla dnub itlob għalina aħna li qed nirrikorru lejk".

## Avviżi:

Se ssir laqgħa ta' preparazzjoni għal dawk kollha li ser jieħdu sehem fit-tqassim tal-ktejjeb *Ejjew Nitolbu* li ser jibda jsir fil-ġimgħat li ġejjin. Il-laqgħa se tkun l-Erbgħa 29 ta' Novembru fil-5:30pm fiċ-ċentru l-ġdid. Importanti li wieħed jattendi.

**QUDDIES FIL-KAPPELLA TA' SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA (ċimiterju ta' Kenuna):**

- nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru fil-5:00pm b'suffraġju għall-membri u benefatturi mejtin tal-Mużew tal-Bniet. Għaldaqstant dakinhar mhux se ssir duttrina fil-qasam tal-bniet. It-tfal kollha (minn Year 1 sa Year 8) flimkien mal-ġenituri tagħhom huma mitluba li jattendu.
- nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru fis-7:00pm b'suffraġju tal-plejers, membri, supporters u benefatturi mejtin tal-klabb tan-Nadur Youngsters FC.
- nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru fis-6:30pm b'suffraġju tal-membri u benefatturi mejtin tal-Partit Laburista. Kulħadd huwa mistieden.

**ATTIVITÀ ROMOL:** se ssir il-laqgħa tar-romol fil-Mużew il-qadim tal-bniet fi Triq Rakela Camilleri, nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru fejn issir quddiesa u xi talb ieħor. Mistiedna r-romol u l-ħbieb tagħhom. Imexxi l-laqgħa Dun Ġużepp Attard.

**LAQGĦA TA' TALB TA' SAN PIJU:** it-Tnejn 27 ta' Novembru, fl-4:00pm fil-kappella tas-sorijiet. Inżommu l-programm tas-soltu, Adorazzjoni, Ružarju, Quddiesa. Talb għall-morda u vokazzjonijiet u qed inżidu wkoll għall-paċi. Agħmel ħsieb li tissieħeb.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru, fl-4:00pm.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru taħbat l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħaxija, wara l-quddiesa tal-5:00pm ikun hawn is-siegħa tal-Ħniena Divina. Kulħadd huwa mistieden għal dan il-ħin ta' talb.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am